MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1240/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Peter Zammit f'ismu propju u ghan-nom u in raprezentanza tar-Rabat Depiro Basketball Club**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi skond id-dokument relattiv hawn anness u mmarkat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta

(awtrici ta’ Maltacom p.l.c.), il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici is-somma ta’erbgha telef tlett mija sitta u sebghin Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm4,376.54) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattivi ghal-linja bin-numru erbgha, hamsa, tlieta, zero, sitta, hamsa, (453065) skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok B’;

Illi l-konvenut ghalkemm gie interpellat biex ihallas baqgha inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert , likwidu u ezigwibbli;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:-

Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbgha telef tlett mija sitta u sebghin Lira Malltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm4,376.54) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numri erbgha, hamsa, tlieta, zero, sitta, hamsa, (453065);
Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Jigi rilevat li l-konvenut propio et nomine naqas li jidher u naqas li b'xi mod jikkontesta t-talbiet attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenut propio et nomine li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha telef tlett mija sitta u sebghin Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm4,376.54) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattivi ghal-linja bin-numri erbgha, hamsa, tlieta, zero, sitta, hamsa. (453065) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut propio et nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------